# il-Gżejjer

Is-Sittax-il Sena

2/87

Il-Prim Ministru, Dr Eddie Fenech Adami, nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju indirizza lill-membri tal-Korp Diplomatiku akkreditati għal Malta f'laqgħa li saret għalihom fuq stedina tal-Gvern Malti fil-Berġa ta' Kastilja.

Wara d-diskors tal-Prim Ministru, għamel diskors qasir bħala tweġiba d-Dekan tal-Korp Diplomatiku u Nunzju Appostoliku Mons. Pierre Luigi Celata.

B'kollox għal din il-laqgħa attendew tlieta u erbgħin Ambaxxatur u sittax-il Charge' d'Affaires.

Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti fost l-oħrajn il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja, Dr Guido de Marco, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, Dr Ċensu Tabone, is-Segretarju Amministrattiv, is-Sur Joe Sammut, Dr Noel Buttigieg Scicluna, is-Sur Evarist Saliba, Aġent Segretarju fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u s-Sur John Camilleri, Segretarju Privat tal-Prim Ministru. *(Ara paġna 3)*



# IL-PRIM MINISTRU JKELLEM LILL-MEMBRI TAL-KORP DIPLOMATIKU AKKREDITATI GĦAL MALTA

# ĦATRIET ĠODDA

## Bank Ċentrali

L-AGENT President tar-Repubblika s-Sur Paul Xuereb, fuq parir tal-Prim Ministru, ħatar lis-Sur Anthony P. Galdes, B.A. (Hons.) (Econ.) C.S.A. Gvernatur tal-Bank Ċentrali b'effett mit-3 ta' Ġunju 1987. Din hi l-ewwel darba li dan il-post imtela' min persuna Maltija.

Is-Sur Henry Degabriele, F.C.I.B. hu d-Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali.

Il-membri l-oħra tal-Bord tad-Diretturi ta' l-istess Bank maħtura mill-Prim Ministru b'effett mit-3 ta' Ġunju 1987, huma:

Is-Sur Lino Delia, B.A. (Hons.) (Econ.) M.A. (Econ.)
Is-Sur Alphonse Farrugia
Is-Sur Italo Raniolo, A.&C.E.

## Lombard Bank Ltd.

Il-persuni msemmijin hawn taħt bdew iservu fuq il-Bord tad-Diretturi mit-3 ta' Ġunju 1987.

Chairman — Is-Sur Maurice Abela, MBE., B.Sc. (Econ)
Membri:
Is-Sur Peter Paul Darmanin, A.C.I.S., A.C.M.A., M.I.A., C.P.A.A.
Is-Sur Salvatore Diacono
Is-Sur J. G. Vassallo, Dip. Pol. Econ. (Oxon) C.S.A.
Dr Ena Cremona, LL.D.

## Mid-Med Bank Ltd.

B'seħħ mit-3 ta' Gunju 1987, dawn is-Sinjuri bdew iservu fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Mid-Med Bank:

Chairman — Dr Riccardo Farrugia, B.A., LL.D.
Membri:
Dr Tonio Borg, LL.D.
Is-Sur Albert Muscat
Is-Sur Joseph Alexander Stellini
Is-Sur Edwin A. Vella
Is-Sur Maurice Vincent Debono

## Bank of Valletta

Il-Bord tad-Diretturi ġdid tal-Bank of Valletta li ġie appuntat b'seħħ mit-3 ta' Ġunju 1987 hu magħmul minn dawn is-Sinjuri:

Chairman — Is-Sur Joseph N. Tabone, C.P.A.A., F.I.A., F.C.I.S., M.B.I.M.
Membri:
Is-Sur Reggie Abela
Is-Sur Joe Carabott
Is-Sur Louis Ellul
Is-Sur Frank Mallia
Dott. Francesco Mantegna
Dr Noel Zarb Adami, B.Sc., M.Sc., D.Phil (Oxon)

## Investment Finance Bank

Il-persuni msemmijin hawn taħt bdew iservu fuq il-Bord tad-Diretturi ta' l-Investment Finance Bank b'seħħ mit-3 ta' Ġunju 1987:

Chairman — Dr Victor E. Ragonesi, B.A., LL.D.
Membri:
Is-Sur Ashur Abdel Nabi
Is-Sur Nicholas Baldacchino, C. Eng., F.R.I.N.A.
Prof. Daniel Darmanin, M.Sc., C.P.A., M.I.A., M.B.I.M., F.S.C.A.
Is-Sur Francis Raymond Flynn, F.C.I.B.
Is-Sur Maurice L. Petrocochino
Dott. Ezio Sottile

## Korporazzjoni EneMalta

Is-Sur Lawrence Ciantar, E.Eng. M.I.E.E., inħatar Chairman tal-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni EneMalta b'effett mis-26 ta' Mejju 1987.

## Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp

Is-Sur Michael Soler inħatar Chairman tal-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp ta' Malta. Bħala Deputy Chairman inħatar Dr. John C. Grech, B.A. (Hons) (Econ.) M.A. (Econ.), Dip. I.C.E.I. (Amsterdam), Ph.D. (Geneva). Il-membri l-oħra huma:

Is-Sur Richard Cachia Caruana, B.A. (Hons.) (Econ.) M.A., M.Inst.M.
Is-Sur Henry Coppini, M.S.H.M.
Is-Sur Lino Delia, B.A. (Hons.) (Econ.) M.A. (Econ.)
Is-Sur Louis Farrugia, F.C.A.
Is-Sur Patrick Staines, B.A. Admin. (Manch.)
Is-Sur Edgar Wadge

## Korporazzjoni TeleMalta

Is-Sur John A. Scicluna, D.P.A., inħatar Chairman tal-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni TeleMalta b'effett mill-5 ta' Ġunju, 1987. Deputy Chairman inħatar is-Sur Joseph A. Caruana.

Il-membri l-oħra maħtura fuq il-Bord b'effett mill-istess data huma:

Is-Sur John P. Mifsud
Is-Sur Charles Sciberras, D.P.A., D.P.R., M.I.M.M.
Is-Sur Loris A. J. Serge, B.A. (Hons.) (Econ.), D.P.A.
Is-Sur Anthony Ventura, Dip. E.E. (Lond.), C.Eng., M.I.E.E.
Is-Sur Maurice Zarb Adami, B.Pharm. (Melit.) B.Pharm. (London)

## Korporazzjoni Enemalta

Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Parlamentari għall-ilma u l-Enerġija, il-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura innomina l-persuni li ġejjin biex iservu fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni Enemalta b'seħħ mis-26 ta' Mejju 1987 sal-25 ta' Mejju, 1988.

Chairman — Is-Sur Lawrence Ciantar, C.Eng. M.I.E.E.
Deputat Chairman — Is-Sur Joseph Grima, C.Eng., M.I.E.E.
Membri:
Is-Sur Spiridione Camilleri
Is-Sur P.P. Farrugia, M.Sc., D.C. Ae., C.Eng., M.R. Ae., S.
Is-Sur Vincent C. Refalo
Is-Sur Frank Sammut, B.Sc. (Hons.), M.Sc.
Dott. Robert A. Staines, B.A., M.A. (Oxon), LL.D.

## Awtorità tad-Djar

Il-Prim Ministru approva illi l-Awtorità tad-Djar tkun kostitwita kif ġej b'seħħ mill-24 ta' Ġunju, 1987:—

Chairman — Is-Sur Edward Bencini, B.Arch., A.&C.E.
Deputat Chairman — Is-Sur Gaetan Naudi, A.C.I.S.
Membri:
Is-Sinjura Pauline Ellul
Is-Sinjura Catherine Galea, B.Sc. (Eng.), B.A. (Arch.), A.&C.E.
Is-Sur Saviour Gatt
Is-Sur Paul V. Mifsud, B.A. (Hons.), M.A.
Is-Sur Joseph Scicluna

## Awtorità tax-Xandir

L-Aġent President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina l-persuni li ġejjin bħala membri ta' l-Awtorità tax-Xandir għal Malta għal perijodu ta' sentejn b'seħħ mit-22 ta' Lulju, 1987:—

Chairman — Joseph Micallef Statrace, B.A., LL.D.
Membri:
Is-Sur J. J. Camilleri
Is-Sur Lawrence Mizzi
Is-Sur Joseph Sammut
Dott. Kenneth Wain, B.A. (Hons) (Lond), M.A., Dip. Ed. (Lond), Ph.D. (Lond)

## Nomina ta' Rettur ta' l-Università ta' Malta

L-Aġent President ta' Malta innomina lill-Prof. Peter Serracino Inglott, B.A., B. Litt. (Milan), M.A. (Oxon), B.D. (Paris) bħala Rettur ta' l-Università ta' Malta skond l-Artikolu 31 (3) ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni għal perijodu ta' sitt xhur.

# AMBAXXATURI MITLUBA JIPPROMOVU GĦAJNUNA LIL MALTA

Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami jidher jindirizza lill-Ambaxxaturi akkreditati għal Malta waqt il-laqgħa f'Kastilja.



**Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju kellem lill-Ambaxxaturi tal-pajjiżi li Malta għandha relazzjonijiet diplomatiċi magħhom. Għal-laqgħa li saret f'Kastilja kien hemm preżenti 43 Ambaxxatur u 16-il Charge d'Affaires. Wieħed u erbgħin minn dawn ġew Malta apposta peress li m'humiex residenti hawn.**

Il-Prim Ministru Fenech Adami qal lill-Ambaxxaturi li minkejja li mhux komuni li Prim Ministru ġdid jilqa' u jkellem Ambaxxaturi akkreditati lil pajjiżu ftit jiem wara li jieħu l-ħatra, hu ħass li fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' Malta, kien dmir tiegħu li kmieni kemm jista' jkun ineħħilhom kull dubju li seta' tqanqal fil-passat riċenti rigward is-sens ta' direzzjoni tal-pajjiż kemm f'dik li hi politika nterna kif ukoll rigward objettivi tal-politika barranija.

Dr Eddie Fenech Adami wera s-sodisfazzjon tiegħu li seta' jiltaqa' ma' l-ambaxxaturi u xtaqilhom merħba skond l-ospitalità tradizzjonali tal-poplu Malti. Fil-fatt, qal il-Prim Ministru, aħna l-Maltin ngħożżu l-kumment ta' San Luqa fl-Atti ta' l-Appostli elfejn sena ilu meta kiteb li l-Maltin laqgħu lil San Pawl u lil dawk li ħelsuha mill-għarqa miegħu, bi ħbiberija kbira.

"Jekk il-ħbiberija hi karatteristika tradizzjonali tal-Maltin, sfortunatament din il-karatteristika kienet nieqsa fir-relazzjonijiet bejn il-Maltin minħabba polarizazzjoni qawwija bejn dawk li għandhom opinjonijiet politiċi differenti.

"L-ewwel punt li rrid nisħaq dwaru hu li l-Gvern tiegħi fi ħsiebu jagħmel mir-rikonċiljazzjoni nazzjonali l-iskop ewlieni tiegħu.

*(ikompli f'paġna 4)*

# *Mhux biss id-demokrazija salvat, iżda l-Gvern Malti għad juri li ssaħħet biex qatt iżjed ma tkun fil-periklu*

## – IL-PRIM MINISTRU EDDIE FENECH ADAMI

(Ikompli minn paġna 3)

"Il-poplu Malti għadu kif ħareġ b'verdett għat-tisħiħ tad-demokrazija f'Malta." Il-Prim Ministru kompla jgħid li hu żgur li ħafna Maltin, segwew b'biża' l-elezzjoni f'pajjiżna u mhux ftit beżgħu li d-demokrazija setgħet tegħreq. Iżda ma għerqitx.

Mhux biss id-demokrazija salvat iżda l-Prim Ministru qal li hu ċert li fiż-żmien għad juri li ssaħħet, biex qatt iżjed ma tkun fil-periklu.

**"M'hemmx dubju li l-Gvernijiet rappreżentati f'din il-laqgħa jieħdu gost jisimgħu dan u jagħrfu xi tfisser. Malta se tibqa' pajjiż stabbli u li tista' tkun fdata kemm f'dik li hi politika nterna kif ukoll politika barranija."**

It-tieni punt li l-Prim Ministru saħaq dwaru kien jirrigwarda l-politika barranija tal-Gvern Malti. Hu wera x-xewqa li jenfasizza kwistjoni fundamentali li dwarha hemm "consensus" fost l-isferi kollha ta' opinjonijiet politiċi f'Malta.

"L-istorja ta' Malta kienet dejjem waħda ta' dominazzjoni minn min kien jikkontrolla l-Baħar Mediterran. Għalkemm din id-dominazzjoni damet għal eluf ta' snin, il-poplu Malti rnexxielu jżomm l-identità nazzjonali tiegħu u ma kienx assimilat jew integrat minn ebda pajjiż ieħor.

"Matul dawn is-sekli twal ta' dominazzjoni barranija, xi paġni glorjużi ta' l-istorja nkitbu mill-Maltin stess li dejjem baqgħu sodi fit-twemmin tagħhom li għenhom jagħżlu bejn dak li jixraq tiġġieled għalih u dak li mhux. Il-kontribut ta' Malta f'dan ir-rigward matul l-aħħar Gwerra Dinjija hu magħruf; u aħna kburin li fuq il-bandiera nazzjonali nġorru l-"George Cross" bħala dekorazzjoni ta' unur għall-qlubija.

### ŻVILUPP EKONOMIKU

"L-istorja ta' dominazzjoni barranija għal Malta ntemmet fil-21 ta' Settembru 1964 meta Malta kisbet l-Indipendenza u sovranità sħiħa. Ma kienx faċli, tlieta u għoxrin sena ilu, li taqta' kompletament mal-passat kemm għal raġunijiet ekonomiċi kif ukoll ta' sigurtà. U hu biss mill-31 ta' Marzu 1979 li Malta ma baqgħetx tilqa' fuq artha ebda bażi barranija."

Il-Prim Ministru kompla jgħid li hemm loġika f'din id-deċiżjoni: "l-ewwelnett għandu jkun rikonoxxut li f'komunità żgħira bħal tagħna l-preżenza ta' bażi militari ta' sinifikat, tfixkel lil Malta milli tiżviluppa l-ekonomija tagħha indipendentement mill-preżenza ta' bażi bħal din.

"Dan hu fatt storiku u għalhekk l-attentat għal żvilupp ekonomiku f'Malta beda bis-serjetà biss wara l-Indipendenza. Iżda hu aktar importanti l-fatt ġeopolitiku li fi żmienna l-pożizzjoni strateġika ta' Malta bħala "aircraft carrier" li ma tegħriqx hi ferm anqas importanti mill-passat.

"F'dan il-kuntest, għalhekk, id-deċiżjoni ta' Malta li ma tilqax fiha ebda bażi militari barranija ma kienet ta' gwadann jew telf għal ebda pajjiż barrani u bla dubju — u hu dan li l-aktar jinteressana — kienet fl-aħjar interess ta' Malta."



Il-Prim Ministru qal li dawk preżenti żgur jinnotaw li kien qed jesprimi ruħu b'xi mod differenti minn kif kienu jagħmlu ta' qablu f'dak li jirrigwarda l-loġika ta' l-istatus ġdid ta' Malta, għalkemm bħalma diġà kien qal qabel, kien qed jenfasizza l-politika ta' 'consensus'.

"Il-Gvern tiegħi fi ħsiebu jmexxi politika barranija bla tlaqliq, għaliex ma nemmnux fit-tattiċi li nilgħabu naħa kontra l-oħra, f'ebda livell. Se ngħidu dejjem dak li nemmnu u nagħmlu dak li nemmnu.

"Il-konsegwenza ta' dan hi li Malta ma tfittix li tifforma parti minn ebda alleanza militari. Dwar dan ukoll hemm qbil fost il-poplu Malti.

"Il-bażi ta' dan il-'consensus' issa hu dikjarat fil-Kostituzzjoni tagħna li tipprovdi li Malta hi stat newtrali li jimxi b'politika ta' non-allinjament. Il-Gvern tiegħi se jimxi strettament mal-provedimenti tal-Kostituzzjoni, li nħoss li għandi nindika iżda, jiddeskrivu status ta' 'sui generis' ibbażat fuq il-'consensus' ta' opinjoni kif imsemmi qabel. **Aħna l-Maltin aħna għajjurin u kburin bl-Indipendenza tagħna u l-Gvern tiegħi mhux se jħalli li jitqiegħed f'pożizzjoni ta' qadi lejn ebda pajjiż ieħor jew grupp ta' pajjiżi."**

Il-Prim Ministru kompla jgħid li l-Gvern tiegħu m'għandux ambizzjonijiet ta' 'grandeur' u l-politika tiegħu hi mmirata biss biex tippromovi d-djalogu bħala l-uniku mezz validu biex jinkiseb il-ftehim bejn il-pajjiżi u tissaħħaħ il-paċi.

"F'dan il-proċess il-Gvern jista' jikkontribwixxi ideat ġodda bħalma kien għamel meta Malta ipproponiet il-kunċett li Qiegħ il-Baħar hu Wirt Komuni ta' l-Umanitá — kunċett li wassal għall-Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar il-Liġi tal-Baħar u l-adozzjoni minn ħafna pajjiżi ta' Liġi ġdida dwar il-Baħar.

"Il-Gvern tiegħi fi ħsiebu jkompli jipparteċipa attivament bl-istess spirtu kostruttiv fl-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha u fil-konferenzi fejn Malta hi membru."

(Ikompli f'paġna 5)

# FAVUR IL-KOPERAZZJONI U DJALOGU FIL-MEDITERRAN

*(Ikompli minn paġna 4)*

Il-Prim Ministru qal li ħafna interpretazzjonijiet, kemm pożittivi kif ukoll negattivi, ingħataw lill-istatus internazzjonali ta' Malta. Hu żgura li l-Gvern tiegħu bi ħsiebu jżomm l-aħjar relazzjonijiet mal-Gvernijiet u l-popli tal-pajjiżi rappreżentati f'dik il-laqgħa. Ħbiberiji tradizzjonali, ideali l-istess u skopijiet komuni se jgħinu biex ikun hemm relazzjonijiet aktar mill-qrib ma' dawn il-pajjiżi.

"Mal-membri preżenti tal-Komunitajiet Ewropej, il-Gvern Malti jaqsam l-ideal ta' Ewropa Magħquda kif dikjarata fl-Att Ewropew Uniku li kien adottat dan l-aħħar. Meta finalment l-Għaqda Ewropea tieħu xejra konkreta, din se tagħti dimensjoni pożittiva ġdida lill-ekwilibriju internazzjonali.

**"Il-Gvern tiegħi jemmen bil-qawwa li Malta għandha ssib il-post li jixirqilha f'għaqda bħal din u għalhekk li l-Gvern tiegħi hu konvint li hu fl-interess ta' Malta li tfittex il-kundizzjonijiet xierqa biex tkun tista' ssir membru sħiħ tal-Komunità Ekonomika Ewropea.**

Il-Prim Ministru qal li l-avvenimenti tal-passat riċenti ikkonfermaw ukoll it-twemmin tal-Gvern fid-demokrazija parlamentari li testendi 'l hemm mill-fruntieri ta' l-Ewropa. Għalhekk hi ħasra jekk il-politika tal-Gvern Malti kultant dehret bierda jew kontra relazzjonijiet eqreb ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika pajjiż li jaqsam u jipprattika twemmin simili.

"Il-Gvern tiegħi se jagħmel mill-aħjar biex ibiddel din id-dehra għax jemmen bil-qawwa li rabtiet eqreb ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerka jġibu ġid reċiproku għaż-żewġ pajjiżi.

Il-Prim Ministru qal li bħala pajjiż Mediterranju, Malta tradizzjonalment kellha rabtiet mill-qrib u ta' ħbiberija ma' l-Istati kollha li jagħtu fuq dan il-Baħar, u l-istorja tagħna kienet imkabbra bil-varjetà ta' influwenzi li missew ix-xtut tagħna. Is-soċjetà Maltija hi dik li hi l-lum għax assimilat dan kollu u hi kburija bil-wirt tagħha.

## L-ELEMENT GĦARBI

"Il-laqgħa suċċess tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi Mhux Allineati tal-Mediterran li saret il-ġimgħa l-oħra fi Brioni, hi prova ta' l-impenn tal-Gvern Malti favur il-koperazzjoni u d-djalogu fil-Mediterran.

"Wieħed ma jistax jitkellem dwar koperazzjoni fil-Mediterran mingħajr ma jenfasizza l-element importanti Għarbi fih. Malta għarfet dan sa mill-1965, meta bdiet ir-relazzjonijiet diplomatiċi mal-Libja u fl-1967, meta Malta fetħet Ambaxxata f'dan il-pajjiż.

**"Minn dakinhar sal-lum ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-istati Għarab kibru għal mal-Mediterran kollu u iżjed. Il-Gvern fi ħsiebu jikkultiva dawn ir-relazzjonijiet bir-rispett u l-ħbiberija li jixirqilhom. Nieħu din l-opportunità biex nikkonferma li hi l-intenzjoni tal-Gvern tiegħi li jkompli joffri s-servizzi tiegħu bħala Rapporteur lill-Kumitat tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet Inaljenabbli tal-Poplu Palestinjan.**

"Permezz ta' l-influwenza pożittiva tas-CSCE (il-konferenza dwar is-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa), li l-Gvern se jkompli jagħtiha importanza kbira, Malta ġiet f'kuntatt akbar ma' l-element pan-Ewropej li hu aktar wiesgħa. Kienet prinċipalment permezz ta' din l-okkażjoni li bdew u żviluppaw ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Unjoni Sovjetika u l-Ewropa tal-Lvant.

"Ma' dawn il-pajjiżi kibru l-koperazzjoni ekonomika u l-iskambji għall-ġid reċiproku. Dan kien apprezzat u l-Gvern se jara li jikbru. Bħalma l-Gvern japprezza wkoll ir-relazzjonijiet ta' koperazzjoni u ħbiberija mal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li ipprovda lil Malta b'għajnuna finanzjarja, ekonomika u teknika. Il-Gvern se jagħmel minn kollox biex dawn ir-relazzjonijiet jikbru iżjed."

Il-Prim Ministru irrimarka li fost dawk preżenti kien qed jara lil ħafna rappreżentanti ta' pajjiżi membri tal-Commonwealth. "Dan hu forum li hu sinjur ħafna fil-varjetà tiegħu u s-sħubija fih tirrappreżenta ħafna gruppi li jista' jkollhom tendenza li jħarsu lejhom innifishom.

**"Il-Gvern, iżda, jara skop għal iżjed ftehim u koperazzjoni fil-Commonwealth, u se jara li jisfrutta dan permezz ta' parteċipazzjoni sħiħa fl-attivitajiet tal-Commonwealth."**

Hawnhekk il-Prim Ministru rrefera għall-problemi interni li fihom naturalment il-Gvernijiet rappreżentati fil-laqgħa mhux se jkunu direttament involuti.

"Il-Gvern tiegħi wiret sitwazzjoni ekonomika mħawda. Biex isolvi l-problema tal-qagħad, il-Gvern ta' qabel poġġa piż fuq il-pajjiż b'forza ta' xogħol fis-settur pubbliku li tinkludi wieħed minn kull għaxra tal-persuni li jgħixu f'Malta.

"Barra minn hekk hemm ħafna eluf ta' oħrajn impjegati f'kumpaniji u korporazzjonijiet kontrollati mill-Istat. Il-Gvern tiegħi kellu jdawwar l-attenzjoni immedjata tiegħu lejn il-ħolqien ta' xogħol produttiv għal ħafna eluf li jiffurmaw din il-forza tax-xogħol.

"Hi l-intenzjoni tal-Gvern Malti li jimmotiva lis-settur privat u hu ttamat li anke fi żmien qasir jinħolqu l-kundizzjonijiet li fihom kemm l-imprendituri lokali kif ukoll barranin ikunu stimulati biex jinvestu f'Malta.

"Attenzjoni speċjali se tingħata lill-iżvilupp tas-settur terzjarju ta' l-ekonomija għax il-Gvern iħoss li fih Malta għandha ħafna x'toffri billi tipprovdi servizzi. Bla dubju li kummerċ bażat f'Malta ikun ta' għajnuna kbira għall-iżvilupp."

Il-Prim Ministru qal li Malta għadha pajjiż li qed jiżviluppa u għandha bżonn l-għajnuna kollha li tista' tikseb minn pajjiżi individwali u minn organizazzjonijiet internazzjonali. **Il-Kap tal-Gvern Malti talab lill-Korp Diplomatiku biex ibiddel ir-rwol tiegħu u possibbilment isiru Ambaxxaturi biex jippromovu għajnuna lil dan il-pajjiż żgħir.**

**Mhux ftit Gvernijiet jafu bil-bżonnijiet ta' Malta u għenu fil-passat.** Il-Prim Ministru fakkar fil-laqgħa li kellu mal-Prim Ministru Taljan Amintore Fanfani li lilu l-Prim Ministru Malti spjega kemm hu urġentement bżonnjuż li tkun utilizzata l-għajnuna li kienet imwiegħda lil Malta mill-Gvern Taljan.

Il-Prim Ministru temm id-diskors tiegħu billi qal li **"il-messaġġ tiegħi lilkom hu wieħed ta' fiduċja f'pajjiżna. Aħna salvajna bħala nazzjon fi żminijiet aktar diffiċli u l-poplu tagħna qed iħares 'il quddiem lejn futur isbaħ li se ngawdu permezz ta' sforzi flimkien għall-paċi u l-istabbiltá fid-dinja."**

> Il-Gvern Malti jemmen bil-qawwa li rabtiet eqreb ma' l-Istati Uniti jġibu ġid reċiproku għaż-żewġ pajjiżi.

# *Il-Kwistjoni tal-Plots tal-H.O.S.*

**Minn investigazzjonijiet li saru mill-Ministeru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura jirriżulta li l-għażla tal-postijiet tal-plots tal-Home Ownership Scheme saret bil-għaġġla u mingħajr ħsieb biżżejjed b'dannu għall-pajjiż u għall-istess individwi li lilhom ġew allokati l-plots.**

## Dr Noel Buttigieg Scicluna fil-Kunsill ta' l-Ewropa

L-Avukat Noel Buttigieg Scicluna ġie nominat mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Dr Ċensu Tabone biex jattendi l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa bħala sostitut tiegħu.

L-Avukat Buttigieg Scicluna nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju mar Strasbourg fejn attenda seduta tal-"Ministers' Deputies". Hu ħa wkoll l-okkażjoni biex ippreżenta l-kredenzjali tiegħu lil Marcelino Oreja, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Irriżulta li kien hemm problemi ta' natura legali, fosthom nuqqas ta' ħruġ ta' ordni biex art li kienet ittieħdet bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini (BDA) tgħaddi f'idejn l-Awtorità tad-Djar, tibdil fi tqassim ta' plots fuq art li hi fi "green Area" u ta' plots fuq art li għad ma ġietx espropjijata.

Hemm ukoll diffikultajiet ta' natura teknika li jinkludu postijiet li ntgħażlu għal uħud mill-plots huma 'l-bogħod mill-bini eżistenti, uħud mill-postijiet magħżula m'humiex indikati għall-iżvilupp tal-bini u għalhekk huma ta' problema għall-ambjent, qtugħ esaġerat ta' blat li jridu joħorġu l-flus għaliħ dawk li jibnu l-plots tagħhom u f'xi każi ma kienx hemm domanda biżżejjed għall-għadd ta' plots li ħarġu.

Minħabba din is-sitwazzjoni, il-Ministeru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura qed jistudja x'jista jsir biex il-plots tal-Home Ownership Scheme jerġgħu jkunu lokati b'mod li jkunu evitati dawn id-diffikultajiet. Din ir-rilokazzjoni se ssir b'mod li kull min ġie allokat 'plot' din tkun ta' l-istess daqs u tip li kienet ġiet allokata lilu u fl-istess lokalita'.

Dan l-istudju sejjer ikun lest fi ftit ġranet oħra. Wara li jkun approvat u jittieħdu l-passi legali biex ikun jista' jitwettaq, dawk kollha li ġiet allokata 'plot' tingħatalhom il-'plot' tagħhom b'mod li jkun jaqbel l-aktar kemm lilhom kif ukoll lill-Gvern u lin-nazzjon.



**Dr. Noel Buttigieg Scicluna (xellug) ir-rappreżentant permanenti Malti fil-Kunsill ta' l-Ewropa, jidher f'laqgħa li kellu ma' Marcelino Oreja, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa, fi Strasbourg.**

## *Tneħħew il-biljetti tad-dħul fl-Isptarijiet*

**FUQ inizjattiva personali tat-Tabib George Hyzler, Segretarju Parlamentari Għas-Saħħa, tneħħew il-biljetti tal-viżitaturi għall-pazjenti ta' l-Isptar San Luqa u Karen Grech. Dan sar biex jonqsu l-problemi u l-inkonvenjenza għall-vizitaturi.**

Madankollu, il-pubbliku għandu jirreċiproka dan il-ġest ta' fiduċja u jkun prudenti meta jmur iżur xi pazjent fl-Isptar. Huwa mitlub li għall-ġid tal-pazjent innifsu u biex tkun assigurata l-ordni fis-swali tal-Isptarijiet, xorta waħda m'għandux jkun hemm aktar minn tliet viżitaturi madwar kull sodda.

# CHAIRMAN TAĊ-ĊENTRU TA' DOKUMENTAZZJONI U INFORMAZZJONI GĦALL-AMBJENT U N-NATURA TAL-KUNSILL TA' L-EWROPA

Fl-Għoxrin Laqgħa Annwali ta' l-Aġenziji Nazzjonali taċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni u Informazzjoni għall-Ambjent u n-Natura ta' l-Ewropa, is-Sur Joe Sultana, Environment Officer/Conservation, li kien qiegħed jirrappreżenta t-Taqsima ta' l-Ambjent tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, ġie elett unanimament Chairman għas-sentejn li jmiss. Huwa laħaq minflok Dottoressa E. Mammone ta' l-Italja.

Din il-kariga li tinkludi t-tmexxija tal-laqgħat annwali, hija ta' unur għat-Taqsima ta' l-Ambjent tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tirrifletti r-rispett li qed tgawdi Malta fl-Ewropa. Il-laqgħa saret f'Lisbona, il-Portugal mid-9 sat-13 ta' Ġunju, 1987.

Il-funzjoni taċ-Ċentru hija biex titqajjem kuxjenza fost il-popli ta' l-Ewropa dwar l-ambjent speċjalment dak naturali, dwar it-theddid għall-ambjent kif ukoll dwar il-ħtieġa tal-ħarsien tiegħu. Ħaġa unika li għandu ċ-Ċentru hija li jgħaqqad flimkien il-ħidma ta' l-Aġenziji Nazzjonali tal-21 pajjiż membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

# *FTEHIM MAL-LIBJA FUQ TAGĦLIM TA' L-GĦARBI*

**IL-MINISTRU ta' l-Edukazzjoni, Dr. Ugo Mifsud Bonnici nhar it-Tlieta, 16 ta' Ġunju, reġa' lura minn żjara uffiċjali fil-Libja, li saret fuq stedina tal-Gvern Libjan, fejn kellu taħditiet mas-Sur Ahmed Ibrahim, is-Segretarju għall-Edukazzjoni u Riċerka Xjentifika tal-Libja, u uffiċjali oħra għolja tal-Gvern Libjan.**

Il-Ministru Mifsud Bonnici ġie mistieden biex jinawgura laboratorji ġodda fid-Dipartiment tal-Kimika ta' l-Università ta' Al Fatah fejn iltaqa' wkoll ma' l-istudenti ta' l-istess istituzzjoni u għamlilhom diskors.

Fil-jum ta' qabel huwa ġie intervistat fuq it-television Libjan fejn ikkonferma l-politika tal-Gvern Malti li jżomm ħbiberija vera mal-pajjiżi kollha u li f'Malta mhu se jkun hawn bażi militari ta' l-ebda pajjiż.

Huwa spjega wkoll il-politika l-ġdida tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni rigward it-tagħlim tal-Lingwa Għarbija fejn ċaħad għidut persistenti u versjonijiet żbaljati mxerrdin fil-Libja li dan it-tagħlim se jkun b'xi mod inferjuri għal li kien. Il-Ministru qal li dan se jissaħħaħ u jkun fuq l-istess livell tat-Taljan, tal-Franċiż u tal-Ġermaniż. Konferma ta' dan huwa l-Ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat li jipprovdi li jintbagħat Professur tal-Lingwa Għarbija għall-Università Maltija kif ukoll għalliema ta' livell għoli għall-istudenti ta' l-istituzzjonijiet għolja Maltin.

Dan il-Ftehim, li tiegħu s'issa ġew iffirmati l-Minuti, se jiġi ffirmat f'Malta meta jiġi hawn bħala l-mistieden tal-Gvern Malti s-Sur Ahmed.

Il-Ministru Mifsud Bonnici qal li se jiġi intensifikat it-tagħlim ta' l-Għarbi mhux b'mod obbligatorju iżda b'metodu avanzat u dan l-aktar permezz tat-tixrid tal-letteratura u l-kultura Għarbija.

Il-Ministru qal ukoll li matul iż-żjara fil-Libja sab koperazzjoni kbira u l-laqgħat kollha li kellu kienu fi spirtu ta' ħbiberija. Hu wera t-tama li dawn ir-relazzjonijiet jitkomplew b'dan il-mod.



● L-Ambaxxatur tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-E.T. Dr. Gottfried Pagenstert nhar il-Ħamis, 4 ta' Ġunju, ippreżenta lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, apparat edukattiv għat-tagħlim tal-Ġermaniż fl-iskejjel tal-Gvern u fil-'German Resource Centre'. L-Ambaxxatur Ġermaniż ippreżenta wkoll apparat sportiv lill-'Badminton Association'.

F'diskorsi li għamlu qabel il-preżentazzjoni, l-Ambaxxatur u l-Ministru ta' l-Edukazzjoni tkellmu dwar il-ħtieġa ta' koperazzjoni fil-qasam edukattiv, kulturali u sportiv bejn iż-żewġ pajjiżi. Il-Ġermanja huwa pajjiż b'riżorsi kbar ta' għerf u tagħlim li jista' jagħti kontribut kbir lil pajjiżna biex ilaħħaq mal-progress teknoloġiku li qed iseħħ fid-dinja u dan mingħajr ma jiġu ttraskurati l-kultura u l-isport.

Dr. Ugo Mifsud Bonnici radd ħajr lill-Ambaxxatur u lill-poplu Ġermaniż ta' din l-għotja ġeneruża li żgur se tkun ta' utilità kbira għalina u tkompli tkattar ir-relazzjonijiet tajba bejn iż-żewġ pajjiżi.

*Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju, 1987, il-bini tal-Qorti fi Triq ir-Repubblika l-Belt safa attakkat minn folla ta' nies. Dak inhar, ħmistax-il persuna miż-Żejtun kienu fil-Qorti biex jibdew jiġu proċessati fuq akkużi li fil-ġurnata ta' l-elezzjoni, id-9 ta' Mejju 1987, wettqu affarijiet li jmorru kontra d-demokrazija. Dak inhar stess fit-tard, il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami kellem lin-nazzjon minn fuq il-mezzi kollha tax-xandir.*

# ATTAKK FUQ IL-QORTI U FUQ ĦWIENET FIL-BELT

## TAĦDITA LIN-NAZZJON MILL-PRIM MINISTRU Dr. E. FENECH ADAMI NHAR IL-ĠIMGĦA 19 TA' ĠUNJU, 1987

Huti Maltin u Għawdxin

"Ix-xahar li għadda pajjiżna għadda minn prova, prova kbira u l-poplu kollu ħareġ bl-unuri. Il-poplu Malti kkonferma r-rieda soda tiegħu li f'pajjiżna tibqa' sħiħa d-demokrazija. Il-poplu tagħna wera maturità għaliex minkejja d-diffikultajiet li konna ninsabu fihom, minkejja t-tħassib ta' ħafna jekk il-poplu tagħna kienx sejjer jgħaddi minn dik il-prova bl-unuri, kellna s-sodisfazzjon kbir li l-poplu esprima r-rieda tiegħu meta għażel il-Gvern li ried; konferma li d-demokrazija f'pajjiżna trid tibqa' sħiħa

"Iżda dawn il-ġranet urewna li hawn min fostna li għadu jaħseb li jista' jkompli jhedded is-sistema tad-demokrazija f'pajjiżna. F'dawn l-aħħar ġranet rajna inċidenti ta' l-akbar gravità jiġru. Rajna fid-9, fit-12, fit-13 ta' dan ix-xahar min ipprova jfarrak il-kalma li hawn fil-pajjiż billi saru attentati ta' ħruq f'lukandi magħrufa. Fortunatament għall-poplu tagħna dawk l-attentati ma rnexxewx.

"Ġraw affarijiet oħra. Smajna bl-isparatura li saret fuq l-għassa ta' San Ġiljan, attentat li seta' kellu konsegwenzi gravi ħafna. Dak li ġara l-bieraħt-lura juri b'mod l-aktar ċar li hawn min qiegħed jaħseb li jista', b'atti ta' terroriżmu f'pajjiżna, jhedded id-demokrazija. Qed ngħid għall-isparatura li saret il-bieraħtlura fuq numru ta' turisti li kienu għadhom kif waslu għal btala f'pajjiżna

"Illum ġrat xi ħaġa wkoll ta' gravità kbira ferm. Numru ta' nies jinsabu akkużati li fil-ġurnata ta' l-elezzjoni għamlu affarijiet li jmorru kontra d-demokrazija. Akkużati u għad iridu jiġu ppruvati ħatja. U llum il-kawża tagħhom kellha titkompla fil-Qorti.

"Flok ma l-kawża tkompliet fil-Qorti numru ta' nies li fosthom kien hemm nies magħrufa fil-kamp politiku, nies li sa ftit ilu kienu jokkupaw karigi għolja fil-pajjiż kienu fost folla li spiċċat biex attakkat il-Qorti, għamlet ħsara kbira hemmhekk. Wara saru sakkeġġi, sar serq, sar tkissir f'diversi ħwienet u l-Korp tal-Pulizija tagħna li qiegħed hemm biex iserrħilna moħħna lkoll li f'pajjiżna ħadd ma huwa fuq il-liġi, sfortunatament illum għal darb'oħra ma kkontrollax lil din il-folla li qed thedded id-demokrazija f'pajjiżna, jiġifieri lil dawn in-nies li jridu jibqgħu jisfidaw lill-poplu tagħna.

"Jiena tkellimt mad-Deputat Kummissarju tal-pulizija u spjegali li kellu nies biżżejjed fil-Korp preżenti fil-Belt biex setgħu jikkontrollaw kwalunkwe sitwazzjoni li setgħet tinqala'. Iżda huwa spjegali li, bl-Ingliż, 'his men let him down', jiġifieri numru ta' membri tal-Korp tal-Pulizija — u qed ngħid 'numru' għax ċertament anke llum kien hemm min qeda dmiru — imma numru ta' pulizija ma għamlux ix-xogħol tagħhom, ma għamlux id-doveri tagħhom u ħallew għal darb'oħra li tinkiser il-liġi f'pajjiżna.

"Id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija, konxju għax jaf ir-responsabbiltajiet tiegħu, offra li jagħti r-riżenja tiegħu. Iżda jiena tlabtu li jkompli fil-kariga tiegħu ta' Deputat Kummissarju tal-Pulizija. Iridu jsiru l-investigazzjonijiet meħtieġa biex il-poplu Malti jkollu sodisfazzjon għaliex għal darb'oħra rajna l-liġi tinkiser f'pajjiżna b'mod li jhedded lil kull wieħed u waħda minna.

"Hemm bżonn li l-Gvern jerġa' jgħid u jassigura lill-poplu Malti kollu li dan il-Gvern sejjer jagħmel dak kollu possibbli biex f'pajjiżna nistgħu ngħixu lkoll bħal aħwa Maltin. Deherli li kelli nieħu miżura għal din l-emerġenza u sejjer nagħti parir lill-President tar-Repubblika biex b'ordni tiegħu jawtorizza lill-Kurunell John Spiteri, Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li jeżerċita, flimkien mal-poteri u funzjonijiet li għandu, il-funzjoni u l-poteri kollha li bil-liġi huma mogħtija lill-Kummissarju tal-Pulizija.

"Hemm bżonn li kulħadd jifhem, anke dawn il-ftit irresponsabbli li qed jheddu lil pajjiżna, illi ma jistax ikun li ma jħallux lill-poplu tagħna jgħix kif jixtieq, fil-kwiet. Ma jistax ikun li numru zgħir ta' nies ma jħallux lil pajjiżna jieħu r-ruħ mill-problemi li għandu quddiem. U ċertament li fil-ġranet u fil-ġimgħat u xhur li ġejjin dan il-Gvern mhux se jonqos li jagħmel dak kollu possibli biex f'pajjiżna jerġa' jkollna l-ordni dejjem

"Jiena nappella biex kulħadd iżomm il-kalma. Jiena nappella biex kulħadd jagħti s-sehem tiegħu bħala Malti. Jiena nappella biex kulħadd jifhem illi dan il-pajjiż ma jistax jibqa' f'atmosfera ta' kriżi. Dan il-pajjiż irid jifhem, kull wieħed u waħda minna, li hemm bżonn nagħtu s-sehem tagħna biex il-pajjiż jerġa' jqum fuq saqajh.

"Il-Programm tal-Gvern huwa programm li bih irridu nġibu r-rikonċiljazzjoni nazzjonali. U jiena m'għandi l-ebda dubju li din hija x-xewqa tagħkom ilkoll, tal-Poplu Malti u Għawdxi, ta' dawk kollha li huma kburin bl-isem ta' pajjiżna. Huma l-ftit li għandhom interess li dan ma jseħħx. Huma l-ftit li jridu jibqgħu jkasbru isem pajjiżna

"Jiena nappellalkom: Taqtgħux qalbkom. Kif rebaħ is-sewwa jiena ċert li s-sewwa jibqa' jirbaħ. Ejjew ilkoll flimkien, għal din it-theddida ġdida illi għandna għad-demokrazija f'pajjiżna, nirrispondu b'leħen wieħed li rridu aħna, u se nkunu lesti għal dak kollu li jinqala' biex f'pajjiżna d-demokrazija tibqa' sħiħa.

Insellimilkom.



**Poġġaman tat-taraġ maqlugħ minn postu u mkisser.**



**Waħda mill-awli bl-għamara tagħha mkissra u maħruqa.**



**Ħaddiema jsewwu dak li setà jiġi salvat minn fost it-tifrik.**



**Wieħed mill-uffiċċji tal-Qorti wara li nies daħlu fih u għamlu ħerba minn kullma ġie taħt idejhom.**

Stqarrija ta' l-Onor. Ċensu Tabone, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, fit-Tieni Laqgħa tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiżi tal-Mediterran membri tal-Moviment Mhux Allinejat.

# *Il-bażi tal-politika internazzjonali u reġjonali tal-Gvern Malti*

**IL-MINISTRU ta' l-Affarijiet Barranin, it-Tabib Ċensu Tabone, kmieni fix-xahar ta' Ġunju mar fi Brioni, il-Jugoslavja, fejn fit-3 u l-4 ta' Ġunju ħa sehem fit-tieni laqgħa tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi tal-Mediterran li huma membri tal-Moviment Mhux Allinejat.**

Il-Ministru Tabone wassal lil-laqgħa d-determinazzjoni tal-Gvern ġdid Malti li jaħdem mal-pajjiżi l-oħra kollha tal-Mediterran għall-paċi u l-koperazzjoni fir-reġjun.

F'diskors li l-Ministru Tabone għamel fi Brioni, qal li minkejja l-pressjoni ta' xogħol li jsib ma' wiċċu gvern ġdid fl-ewwel jiem tiegħu, is-sehem f'laqgħa ta' stati Mediterranji ma kellux jintilef. Hu kompla jgħid li din l-opportunità toffri wkoll lil Malta ċ-ċans li tispjega lill-ħbieb tagħha fir-reġjun il-linja li fuqha l-Gvern Malti se jsegwi l-politika internazzjonali u reġjonali.

Il-Ministru Ċensu Tabone qal li l-objettiv fundamentali ta' kull Gvern Malti hu li jingħaqad fit-tfittxija għall-paċi u l-koperazzjoni fil-Mediterran, u kompla:

"Aħna konxji mid-diffikultajiet li jinqalgħu minħabba d-daqs u r-riżorsi limitati tagħna. Aħna konvinti, imma, li dawn id-diffikultajiet m'għandhomx ifixklu l-iskop ta' l-inizjattivi għall-paċi u l-koperazzjoni, aktar u aktar meta dawn l-inizjattivi jittieħdu kollettivament f'qafas sub-reġjonali, jew f'qafas usa. Malta għandha esperjenza vasta f'dan il-kuntest u nfakkar fl-inizjattivi tagħna fuq Qiegħ il-Baħar bħala Wirt Komuni ta' l-Umanità u l-Kwistjoni ta' l-Anzjani li kienu ntrodotti fil-Ġnus Magħquda lejn tmiem is-snin Sittin.

"Aħna nemmnu li d-djalogu hu kundizzjoni indispensabbli għall-progress. Il-Gvern tiegħi qiegħed jibbaża l-azzjonijiet kollha tiegħu fuq id-djalogu. Hu permezz tad-djalogu li bdejna nsaħħu l-proċess intern ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali u hu ugwalment permezz tad-djalogu li naraw progress fit-tfittxija għall-paċi fir-reġjun imqalleb tal-Mediterran.



Dr ĊENSU TABONE — Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

"Il-progress jiddependi wkoll minn apprezzament sinċier tar-realtajiet li għandna madwarna. Waħda minn dawn ir-realtajiet hija x-xewqa tal-popli kollha li jgħixu ħajja żgura u prospera f'pajjiżhom; oħra hi l-għarfien tal-fatt li popli differenti għandhom il-jedd li jsegwu l-pjani li

(Ikompli f'Paġna 11)

(Ikompli minn paġna 10)

jagħżlu huma għall-iżvilupp nazzjonali tagħhom. Realtà oħra tikkonċerna l-fatt li l-paċi fuq dimensjoni globali mill-aħħar gwerra 'l hawn, ħafna drabi kienet kundizzjonata minn bilanċ delikat bejn iż-żewġ qawwiet il-kbar.

"Dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom implikazzjonijiet importanti għal kull inizjattiva għall-paċi u l-koperazzjoni fil-Mediterran. Il-ħdax-il membru Mediterranju tal-Moviment Mhux Allinejat miġbura madwar din il-mejda m'għandhomx is-saħħa tal-ġid jew qawwa fir-reġjun; għall-kuntrarju, kemm ekonomikament kif ukoll militarment m'humiex f'pożizzjoni vantaġġjuża. Madankollu, il-kapaċità tagħhom li jieħdu azzjoni, individwalment jew kollettivament f'isem il-paċi fir-reġjun, mhix kostretta mid-daqs ta' l-armati li għandhom jew kwantità ta' riżorsi.

"Fil-verità, wieħed jista' jgħid li l-ħdax-il membru Mediterranju tal-Moviment Mhux Allinejat flimkien, ikkontribwew aktar minn dak li hu relattivament sehemhom għall-paċi fir-reġjun. Matul issnin, diversi mkejjen ħadu għadd ta' inizjattivi mmirati biex joħolqu forum ta' konsultazzjoni reġjonali. Nixtieq insemmi u nesprimi appoġġ għal inizjattiva riċenti mill-ex-Prim Ministru Taljan għall-ħolqien ta' Grupp Mediterranju ta' Appoġġ. Huwa ttamat li l-Forum Mhux Allinejat li diġà hu attiv ħafna f'din id-direzzjoni jieħu ħsieb iressaq l-inizjattivi reġjonali rilevanti kollha flimkien.

**KONSULTAZZJONI**

"Mill-ewwel laqgħa li saret f'Malta fl-1984 saru għadd ta' laqgħat f'livell ta' esperti biex tiġi mitħaddta l-kwistjoni tal-koperazzjoni ekonomika reġjonali. Kien hemm ukoll laqgħat informali f'livell ministerjali qabel laqgħat akbar tal-Moviment, kif ukoll qabel laqgħat fil-Ġnus Magħquda fi New York.

"Id-drawwa tal-konsultazzjoni hi ingredjent meħtieġ għal azzjoni effettiva u matul l-aħħar sentejn u nofs beda jkun hemm djalogu fejn qabel ma kienx jeżisti. Din mhix kisba żgħira meta wieħed iqis il-ħafna differenzi li jeżistu anke fost il-pajjiżi madwar din il-mejda. Ma sservix biss ta' pedament għal aktar inizjattivi konkreti għal koperazzjoni bejnietna, imma forsi aktar sinifikanti turi t-triq lejn żjieda fid-djalogu ma' stati oħra fir-reġjun.

"Għamilna dan il-progress kollu fid-djalogu intern prinċipalment minħabba d-determinazzjoni kollettiva li nikkonċentraw fuq dawk l-elementi li jgħaqqduna u warrabna l-aspetti li joħolqu firda. Il-konċiljazzjoni u mhux il-kundanna għandha tkun il-muftieħ tas-suċċess. Id-delegazzjoni tiegħi hi ta' fehma soda li dan l-ispirtu ta' konċiljazzjoni għandu jkompli jispira l-attitudni u l-azzjonijiet tagħna f'dan il-forum u kullimkien.

*"Aħna nemmnu li d-djalogu hu kundizzjoni indispensabbli għall-progress"*

**"Ma ġejniex hawn biex nagħmluha ta' mħallfin ta' l-istorja imma biex nonqxu passaġġ għal futur aktar paċifiku u aktar prosperu. F'dan l-ispirtu, id-delegazzjoni tiegħi tixtieq tafferma l-kontribuzzjoni tagħha lejn tnaqqis fit-tensjoni u żjieda fid-djalogu. Għaldaqstant m'aħniex se nassoċjaw irwieħna ma' stqarrijiet ta' kundanna kontra stati oħrajn kemm jekk huma membri jew le ta' din il-laqgħa. Din il-pożizzjoni hi konsistenti ma' l-istatus ta' Malta ta' Newtralità marbuta ma' politika ta' Non-Allinjament kif imfissra fil-Kostituzzjoni tagħna.**

"Hu minnu li r-realtajiet gravi fir-reġjun tal-Mediterran jippreżentaw sfida diffiċli anke lill-aktar spirtu determinat ta' konċiljazzjoni. Għalhekk dawn ir-realtajiet iridu jiġu ffaċċjati biex it-tentattiv għall-paċi fir-reġjun ikun suċċess. Hemm ir-realtà ta' Ċipru li għadu mċaħħad mill-għaqda u l-integrità territorjali tiegħu; teżisti r-realtà tal-poplu Palestinjan li għadu jfittex li jikseb il-jedd ta' stat għalih; il-Lebanon imfarrak bil-gwerra; hemm ir-realtà ta' żbilanċi ekonomiċi kbar bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tar-reġjun; u hemm ir-realtà tal-bilanċ bejn iż-żewġ super-potenzi.

"Jeħtiġilna nfittxu fil-fond fit-tifsira tal-prinċipji li nemmnu fihom biex insibu l-ispirazzjoni ħalli naħdmu fuq dawn ir-realtajiet. Forsi m'hemmx post aħjar għal dan ix-xogħol minn din il-gżira sabiħa ta' Brioni fejn il-President Tito u membri fundaturi oħra ddeliberaw fuq il-Moviment li kienu se jwaqqfu. F'moħħhom kellhom stampa ta' Moviment bħala 'espressjoni pożittiva' u 'forza morali' li tirrappreżenta l-jedd tal-membri tiegħu għal politika barranija indipendenti fil-mixja tagħhom għal paċi dinjija, it-tnaqqis tat-tensjoni u t-tisħiħ ta' relazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali.

"Waħda mil-lezzjonijiet li toħroġ mill-aħjar tradizzjonijiet tal-Moviment Mhux Allinejat hi li l-membri xorta jaslu għall-objettivi aħħarin ta' paċi u koperazzjoni minkejja li ma jaħsbuhiex l-istess fuq l-iżvilupp nazzjonali. Din id-diversità għandha tagħti

*(Ikompli f'paġna 12)*

## Fl-okkażjoni ta' l-elezzjoni ta' Gvern ġdid

IL-Viċi-Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja Dr. Guido de Marco nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju żar il-Ħabs ta' Kordin fejn kellem u ltaqà mal-ħabsin. Wara li fil-bidu saru kelmtejn ta' merħba mid-Direttur tal-Ħabs, Dr. de Marco ħabbar għoti ta' amnestija lill-priġunieri fl-okkażjoni ta' l-elezzjoni tal-Gvern ġdid u studju fuq pieni u sistemi wżati fil-ħabs ta' Malta u f'ħabsijiet oħrajn.

# Amnestija u studju fuq pieni u sistemi wżati fil-ħabs

Il-Ministru de Marco qal li l-elezzjoni ta' Gvern ġdid għal Malta hija okkażjoni tajba u ta' ferħ għad-demokrazija ta' pajjiżna, li għandhom jipparteċipaw magħna anke dawk in-nies li jinsabu bħala priġunieri fil-Ħabs.

Dr. de Marco ħabbar li l-priġunieri li qegħdin jiskontaw sentenża ta' Ħabs se jgawdu minn amnestija ta' xahrejn fis-sena għal kull sena li huma jinsabu kkundannati għaliha.

Hu mbagħad irrefera għall-problema ta' nies li qegħdin fil-ħabs jistennew il-kawza tagħhom tinstema'. Skond il-proċedura, il-Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja qal li l-perijodi li dawn qegħdin jittraskorru fil-Ħabs ma jistax normalment jingħata, ħlief jekk trid il-Qorti, bħala tnaqqis mill-piena li tista' tingħata jekk ikun il-każ. Madankollu l-Ministru Dr. de Marco qal li hu ta parir lill-Ġvern li anke dak iż-żmien li dawn in-nies qegħdin jagħmlu fil-Ħabs

*(Ikompli f'paġna 13)*

# Ma jidħlux fatturi li jżidu t-tensjoni

(Ikompli minn paġna 11)

saħħa lill-azzjoni politika kollettiva tagħna u żżid l-għażla għal koperazzjoni ekonomika effettiva fostna.

"It-triq ta' Malta għal żvilupp nazzjonali tinsab ukoll f'assoċjazzjoni eqreb mal-Kommunità Ewropeja. Aħna beħsiebna wkoll nippruvaw għal sħubija sħiħa mal-Kommunità jekk ikollna l-kundizzjonijiet li nixtiequ. Dan huwa f'linja mar-realtajiet storiċi, ekonomiċi u kulturali tal-poplu tagħna. F'din l-assoċjazzjoni aħna naraw fattur ieħor li jsaħħilna l-potenzjal biex naħdmu u nikkolaboraw mal-pajjiżi kollha fir-reġjun tagħna.

"Ewropa aktar magħquda, speċjalment waħda li fiha l-istati Ewropej tan-Nofsinhar ikollhom sehem akbar, tista' tkun fattur importanti għall-paċi u l-istabbilità fir-reġjun tal-Mediterran. Ewropa hekk magħquda tista' toħloq ukoll il-possibbiltà li tikkumplimenta l-bilanċ delikat bejn is-Super-Potenzi b'bilanċ ġdid li fih stati reġjonali jkollhom sehem aktar stabbli. Dan narawh bħala x-xenarju realistiku għat-tnaqqis fil-preżenza militari tas-Super-Potenzi.

"Kull analiżi li tattribwixxi l-għeltijiet kollha fir-reġjun tagħna għal fattur wieħed — il-preżenza tas-Super-Potenzi — twarrab ir-realtà li l-Mediterran rari kien, u ċertament mhux fil-preżent, baħar ta' trankwillità. Biex din tinħoloq issa, irridu niżguraw li f'kull stadju tal-proċess ma jidħlux fatturi ġodda li jżidu t-tensjoni u jdaħħlu l-firda, għax jista' jiġri li konflitti imrażżnin joħorġu fil-beraħ b'konsegwenzi traġiċi għalina lkoll.

"Min-naħa tagħha, Malta se tagħmel ħilitha biex tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà reġjonali. L-istatus tagħna ta' newtralità u l-irbit kostituzzjonali li nimxu fuq politika ta' non-allinjament u li ma nħallux bażijiet barranin jew faċilitajiet militari fuq territorju tagħna, hi espressjoni tad-determinazzjoni tagħna f'dan ir-rigward. Fl-istess waqt, Malta hi determinata li tikkolabora fl-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun, inklużi l-isforzi li qed isiru biex jitħares il-bilanċ ekoloġiku.

"Għandna nkunu konxji mill-fatt li azzjoni flimkien għall-paċi u koperazzjoni fil-Mediterran għandha tinkludi l-għarfien li, b'eċċezzjoni taż-żewġ gżejjer stati — Malta u Ċipru, l-istati l-oħra Mediterranji kollha għandhom 'hinterland' politika u geografika li tagħmel pressjoni partikolari fuq il-ħtiġiet tagħhom ta' sigurtà u żvilupp nazzjonali.

"Hu għalhekk permezz ta' pjan maħdum bil-paċenzja kollha u li jiġbor fih l-interessi nazzjonali differenti fir-realtajiet politiċi, ekonomiċi u strateġiċi tar-reġjun li nistgħu nittamaw li nkomplu b'suċċess fl-isforzi tagħna għall-paċi u l-koperazzjoni."

# *Il-Ħabs għandu jkun post li jeduka*



**Il-Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja Guido de Marco jidher jitkellem fil-ħabs ta' Kordin fejn ħabbar annestija għall-ħabsin u studju fuq pieni u sistemi wżati fil-ħabs.**

*(Ikompli minn paġna 12)*

jistennew jinstema' l-każ tagħhom, għandu jibbenefika minn dawn ix-xahrejn fis-sena amnestija.

Il-Ministru tal-Ġustizzja de Marco kompla fisser li dan it-tnaqqis għandu jiġi kkonsidrat bħala parti mit-tnaqqis jekk xi hadd minnhom jinstab ħati — jiġifieri minn dak iż-żmien li wieħed ikun għamel il-Ħabs jistenna li jinstema l-każ tiegħu għandhom jonqsu x-xahrejn fis-sena li l-Ġvern qiegħed jagħti lil min jinsab diġà ikkundannat fil-Ħabs.

## Xogħol fil-Ħabs

Dr. de Marco qal ukoll li hemm bżonn ukoll jiġi kkonsidrat it-tip ta' xogħol li jsir fil-Ħabs. Hu qal li dan ix-xogħol għandu jkollu fiħ inċentivi biex il-bniedem li qiegħed fil-Ħabs u li jaħdem fil-Ħabs, ikollu nċentivi biex jaħdem, jaħdem tajjeb u jaħdem aħjar.

Il-Ministru Dr. Guido de Marco tkellem ukoll fuq pjani li għandu l-Gvern Malti għall-Ħabs ta' Kordin u għal kull min isib ruħu fih.

Hu qal lill-priġunieri li l-fatt li qegħdin fil-Ħabs għaliex skond il-Qrati tal-pajjiż ġew ikkundannati li għamlu xi affarijiet li jmorru kontra l-liġi, ma jfissirx li huma tilfu d-dinjita' tagħhom ta' bnedmin u ta' cittadini, jew tilfu d-drittijiet tagħhom ħlief dawk li necessarjament joħorġu mill-fatt li qegħdin iservu piena ta' Ħabs. Hu qal li huma ntbagħtu l-Ħabs bħala kastiġ u mhux biex jiġu ikkastigati fil-Ħabs, u għal dan il-għan ħabbar x'għandu f'moħħu l-Ġvern għall-ġejjieni.

Il-Ministru de Marco qal l-iskop tal-Gvern Malti hu li jirrikonsidra bl-iktar mod studjat u korrett jekk il-Ħabs hux l-aħjar soluzzjoni għal ċerti reati u jekk hux l-aħjar soluzzjoni immedjata għal min ikun ġie ikkundannat. Hu qal li 'l quddiem fi ħsiebu jqiegħed quddiem il-Kabinett studju ta' pieni alternattivi u semma bħala eżempju s-"sentenza sospiża" (suspended punishment). B'din is-sistema, is-sentenza ma tiġix applikata imma tiġi sospiża jekk il-persuna li tkun, iġġib ruħha skond l-ordni li tkun tagħat il-Qorti.

Il-Ministru de Marco qal ukoll li rridu naraw x'inhuma s-sistemi wżati f'ċerti pajjiżi oħrajn ta' madwarna dwar dawk li jissejħu "open prison". F'dawn il-każijiet, persuna li tagħtik fiduċja li kapaċi żżomm id-dixxiplina fuqha nnifisha, tistà tkompli bix-xogħol tagħha u tirritorna fil-Ħabs fil-ħin skond ir-regoli tal-Ħabs

*(Ikompli f'paġna 15)*

● Il-Ministru tal-Politika Soċjali f'Ġinevra

# *APPOĠĠ TAL-GVERN MALTI GĦALL-ISKOPIJIET TA' L-I.L.O.*

**Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Gunju, il-Ministru tal-Politika Soċjali, Dr Louis Galea, indirizza t-73 Sessjoni tal-Konferenza tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Fl-indirizz tiegħu, il-Ministru għamel xi riflessjonijiet dwar il-qagħda internazzjonali fid-dinja tax-xogħol u dwar il-kontribut tal-Gvern Malti għal kull titjib f'dan il-qasam.**

**Il-Ministru Galea indirizza wkoll il-konferenza tal-Ministri tax-Xogħol tal-Commonwealth u kellu laqgħat mad-Direttur Ġenerali ta' l-I.L.O. Francis Blanchard u mad-Direttur Ġenerali ta' l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (W.H.O.) Dr Halfdan Mahler.**

F'dawn il-laqgħat, il-Ministru Louis Galea kien akkumpanjat mill-Ambaxxatur Victor Gauci, ir-Rappreżentant Permanenti ta' Malta fl-Uffiċċju tal-Ġnus Magħquda f'Ġinevra; mis-Sur George Borg Cardona, Segretarju Permanenti fil-Ministeru, u mis-Sur Alfred Theuma, uffiċjal fil-Ministeru tal-Politika Soċjali. Louis Galea ltaqa' wkoll mal-Maltin li qed jaħdmu jew jgħixu f'Ġinevra.

## Apprezzament tal-Gvern Malti

Fil-laqgħa mad-Direttur Ġenerali ta' l-I.L.O., il-Ministru Louis Galea wassal is-sentimenti ta' apprezzament tal-Gvern Malti ġdid għall-ħidma ta' l-I.L.O. favur titjib fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali fid-dinja tax-xogħol biex titwettaq dejjem aktar il-ġustizzja soċjali. Dr Louis Galea tenna l-appoġġ tal-Gvern Malti għall-iskopijiet ta' l-I.L.O. kif ġew imfissra fid-diversi Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet ta' l-I.L.O. Il-Ministru fisser il-politika tal-Gvern li jara li Malta tirratifika kemm tista' minn dawn il-konvenzjonijiet safejn hu kompatibbli ma' l-istat ta' żvilupp li qiegħed fih il-pajjiż.

Id-Direttur Ġenerali ta' l-I.L.O., Francis Blanchard, filwaqt li feraħ lill-Gvern Malti ġdid, wera s-sodisfazzjon tiegħu għall-politika ġdida ta' Malta fil-qasam tad-dinja tax-xogħol. Huwa wera interess fil-proposta tal-Ministru biex fid-dawl tad-dimensjoni reġjonali li d-Direttur Ġenerali ried li jagħti lill-ħidma tal-I.L.O., il-Mediterran jingħata aktar rikonoxximent.

(Ikompli f'paġna 15)



**Il-Ministru Louis Galea (quddiem) mad-delegazzjoni Maltija fil-laqgħa ta' l-I.L.O. f'Ġinevra.**

# Maħsuba Riforma fil-Qasam tas-Saħħa

*(Ikompli minn paġna 14)*

F'din l-entità reġjonali hemm lok li tinħoloq struttura bl-iskop speċifiku li tfassal 'approach' multilaterali għall-problemi li qed jinħolqu minħabba ċ-ċaqliq massiv ta' ħaddiema min-naħa għall-oħra f'dan ir-reġjun. Id-Direttur Ġenerali assigura wkoll lill-Ministru Galea li hu kien beħsiebu jara li talbiet speċifiċi għal għajnuna teknika mill-Gvern Malti jingħataw konsiderazzjoni favorevoli.

## LAQGĦA MAD-DIRETTUR ĠENERALI TAL-W.H.O.

Fil-laqgħa tiegħu ma' Dr Halfdan Mahler, id-Direttur Ġenerali tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (W.H.O.), il-Ministru Louis Galea fisser l-apprezzament tal-Gvern Malti għall-ħidma dejjiema li qed twettaq il-W.H.O. b'risq is-saħħa tal-bniedem fid-dinja. Louis Galea wassal ukoll il-ħajr tal-Gvern għall-għajnuna li l-W.H.O. tagħti lil Malta minn żmien għal żmien. Il-Ministru sostna li Malta u l-Gvern huma kburin li Dr Alfred Grech, Konsulent tal-Gvern fil-Qasam tas-Saħħa, ġie elett unanimament bħala Chairman tal-Korp Eżekuttiv tal-W.H.O.

Il-Ministru Galea mbagħad tkellem dwar il-proġett bl-użu tal-computer tal-'Health Services Information'. Huwa fisser il-ħtieġa ta' aktar għajnuna biex dan il-proġett ikun jista' jilħaq l-iskopijiet tiegħu. Il-Ministru Galea nforma lil Dr Mahler li l-Gvern u l-Assoċjazzjoni tat-Tobba Maltin jinsabu viċin ħafna biex jikkonkludu ftehim li jwassal fi tmiemha t-tilwima mat-tobba li ilha tkaxkar għaxar snin. Wara dan, kompla l-Ministru, hu l-ħsieb tal-Gvern li bi djalogu ma' kulħadd iniedi riforma sħiħa fil-qasam tas-saħħa tal-poplu.

Dr Mahler ukoll feraħ lill-Gvern Malti ġdid u wera s-sodisfazzjon tiegħu li l-kwistjoni tat-tobba qed toqrob lejn soluzzjoni. Dr Mahler fisser il-linji ta' żvilupp li qed issegwi l-W.H.O. fil-programmi tagħha. Huwa assigura lill-Ministru Galea mir-rieda tal-W.H.O. li tintensifika l-koperazzjoni ma' Malta u li tikkonsolida l-għajnuna teknika li tista' tagħti għall-progress tal-qasam tas-saħħa f'Malta.

Il-Ministru Louis Galea ħa sehem ukoll fil-ħames laqgħa tal-Ministri tax-Xogħol tal-Commonwealth. Delegati minn 28 pajjiż ipparteċipaw f'din il-laqgħa. Fil-Konferenza ġie diskuss rapport ta' grupp ta' esperti dwar il-qagħad fost iż-żgħażagħ. Il-Ministru Louis Galea kkummenta wkoll fuq dan ir-rapport.

# IMĠIEBA FIL-ĦABS

(Ikompli minn paġna 13)

Il-Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja mbagħad tkellem fuq il-ħtieġa ta' uniformita' fil-Ħabs minħabba li llum wieħed issib l-uniformi tal-Gwardjani, tal-Pulizija u tas-Suldat, kif ukoll uniformita' fit-taħriġ meħtieg. Hu qal li l-Gwardjan m'għandux biss il-funzjoni li jassigura l-ordni fil-Ħabs, imma anke dik soċjali f'imġiebtu mal-priġunieri. Imbagħad, waqt li fisser x'għandha tkun l-imġieba tal-priġunieri mal-Gwardjani, il-Ministru de Marco qal li Gwardjani u priġunieri hemm bżonn jifhmu lil xulxin li kulħadd għandu funzjoni fil-Ħabs li jrid jaqdiha skond iċ-ċirkostanza li jsib ruħu fiha. Hu qal li l-Ħabs għandu jkun post li jeduka u li jassigura li min daħal hemm ġew joħroġ aħjar milli daħal u mhux agħar.

# IL-BTAJJEL PUBBLIĊI JIŻDIEDU B'ERBGĦA

IL-GVERN il-ġdid irid li l-festi jagħmlu lil Malta aktar Maltija. Għaldaqstant, bl-Avviz Legali Nru. 40 ta' l-1987 li ġie ippubblikat fis-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Mejju 1987, minbarra l-festi pubbliċi li kien hemm fl-imgħoddi, il-Gvern zied dawk il-festi pubbliċi li huma wkoll parti mit-tradizzjoni kulturali Maltija, jiġifieri San Ġuzepp, l-Imnarja, il-Vitorja u l-Kunċizzjoni.

Għaldaqstant il-lista ta' Btajjel Pubbliċi issa bl-Avviz Legali li ġie ippublikat hija kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-1 ta' Jannar | L-Ewwel tas-Sena |
| L-10 ta' Frar | Il-Festa tan-Nawfraġju ta' S. Pawl |
| Id-19 ta' Marzu | Il-Festa ta' San Ġuzepp |
| — | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| L-1 ta' Mejju | Jum il-Ħaddiem |
| Id-29 ta' Ġunju | Il-Festa ta' San Pietru u San Pawl |
| Il-15 ta' Awissu | Il-Festa ta' Santa Marija |
| It-8 ta' Settembru | Il-Festa tal-Vitorja |
| Il-21 ta' Settembru | Jum l-Indipendenza |
| It-8 ta' Diċembru | Il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni |
| It-13 ta' Diċembru | Jum ir-Repubblika |
| Il-25 ta' Diċembru | Il-Milied |

Il-Jum Nazzjonali huwa stabbilit skond l-Artikolu 2 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1975 kif emendat bl-Att Nru. X ta' l-1980. Għalhekk id-deċiżjoni dwar il-Jum Nazzjonali tittieħed mill-Parlament.



Il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 1987, kellu laqgħa kordjali mal-Prim Ministru Taljan Amintore Fanfani f'Ruma. Fil-laqgħa ġew diskussi r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, il-Protokol ta' Għajnuna Finanzjarja, Ekonomika u Teknika li kien iffirmat f'Novembru li għadda u l-importanza li l-Gvern jagħti lir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Kummunità Ewropea bil-għan li jasal għal sħubija sħiħa. Il-Prim Ministru Taljan, fil-preżenza ta' l-Ambaxxatur Solari Bozzi, Kunsillier ta' l-istess Fanfani, u tas-Segretarju Ġenerali fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Taljan Dr Ruggero, assigura lill-Prim Ministru Fenech Adami li n-naħa Taljana tagħmel ħilitha biex tmexxi 'il quddiem dak li kien diskuss f'din il-laqgħa. Wara l-laqgħa, il-Prim Ministru Taljan stieden lil Dr Fenech Adami għal pranzu fir-residenza privata tiegħu.



Il-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami ħatar lis-Sur Joe Attard Kingswell bħala konsulent fl-Uffiċċju tiegħu bl-inkarigu li jsegwi dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Malta Drydocks u l-Malta Shipbuilding. Il-Prim Ministru, nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju, 1987, iltaqa' mas-Sur Kingswell, mas-Segretarju Amministrattiv is-Sur Joe Sammut, u ma' uffiċjali taż-żewġ tarznari. Għall-Malta Drydocks kienu preżenti ċ-Chairman tal-Kunsill is-Sur Sammy Meilaq u d-Deputy Chairman is-Sur Lewis Spiteri. Għall-Malta Shipbuilding attendew iċ-Chairman is-Sur Salvu Brincat u s-Segretarju tal-Kumpanija s-Sur Maurice Caruana. F'din il-laqgħa ġie mfittiehem kif se jaħdmu dawn l-arranġamenti.

B'koperazzjoni sħiħa u kontinwa bejn il-Ministru għal Għawdex is-Sur Anton Tabone u s-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa George Hyzler, l-Isptar Craig ingħata żewġ ambulanzi. Bihom il-poplu Għawdxi se jkun moqdi ħafna aħjar u se tinqata' wkoll id-drawwa li l-ikel u l-ħwejjeġ maħmuġa tal-pazjenti ta' l-isptar mentali jinġarru għall-isptar Craig fl-istess van kif kien isir qabel. L-ikel u l-ħwejjeġ għal-laundry issa se jibdew jinġarru f'vetturi separati.



MAĦRUĠ MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — MITBUGĦ FL-ISTAMPERIJA TAL-GVERN